

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000047/2011

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Mario Mauro, Alfredo Pallone, Iva Zanicchi, Magdi Cristiano Allam, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Aldo Patriciello, Marietta Giannakou, Gabriele Albertini, Dominique Vlasto, Crescenzo Rivellini, Cristiana Muscardini, Antonio Cancian, Carlo Fidanza, Amalia Sartori, Giovanni La Via, Barbara Matera, Elisabetta Gardini, Paolo Bartolozzi, Roberta Angelilli, Clemente Mastella, Lara Comi, Véronique Mathieu, Salvatore Tatarella, Erminia Mazzoni, Santiago Fisas Ayxela, Simon Busuttil, Sergio Paolo Frances Silvestris, Raffaele Baldassarre, Vito Bonsignore, Potito Salatto, Giovanni Collino, Georgios Papanikolaou, David Casa, Carlo Casini, Sergio Berlato, Marco Scurria, Licia Ronzulli, Luigi Ciriaco De Mita, Ioannis Kasoulides, Antonello Antinoro, Georgios Koumoutsakos

Suġġett: Tnedija mill-ġdid tal-istrateġija politika tal-UE fil-Mediterran

F'dawn l-aħħar xhur madwar sitt elef ruħ niżlu fuq art Taljana, tlett elef minnhom bejn il-11 u l-14 ta' Frar. Dawn iċ-ċifri jindikaw b'ċarezza estrema li ninsabu quddiem emerġenza epokali Fid-dawl tal-karatteristiċi ta' fenomenu li l-proporzjonijiet tiegħu se jkomplu jikbru b'mod kostanti, huwa aktar urġenti minn qatt qabel li l-Ewropa telabora strateġija mmirata biex tgħin lil dawk il-pajjiżi li waħedhom mhux se jirnexxielhom jifilħu għat-taqlib li hemm fiż-żona tal-Mediterran. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea diġà tat sinjali pożittivi ta' ftuħ u l-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Frar fuq livell tal-ministri tal-Intern, poġġa għad-dispożizzjoni tal-Italja 25 miljun euro biex taffronta l-emerġenza tal-immigranti.

Għalkemm dawn il-miżuri inizjali, li sejrjn fid-direzzjoni t-tajba, huma mmirati biex jilqgħu għall-emerġenza umantarja, tibqa' sospiża l-kwestjoni fundamentali marbuta mal-elaborazzjoni ta' strateġija politika Ewropea ġdida fir-rigward tal-Mediterran.

- Fid-dawl tal-falliment tal-proċess ta' Barcellona u tal-Unjoni għall-Mediterran, il-Kummissjoni biġnsiebu jelabora, mill-aktar fis possibbli, strateġija politika fit-tul għaż-żona tal-Mediterran, li għandha tiġi implimentata b'mod effikaċi?
- Jekk dan hu tassew minnu, x'miżuri biġnsiebhom jadottaw biex jiżguraw f'din il-fażi ta' tranżizzjoni, u fil-futur, ir-rispett tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt u tal-libertajiet fundamentali tal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq involuti fir-rewwixti popolari li seħħew dan l-aħħar?
- Kif biġnsiebu jsolvi d-diverġenzi rigward il-pożizzjonijiet li ħadu l-Istati Membri matul il-Kunsill tal-24 ta' Frar li għadda dwar il-ħolqien ta' sistema ta' ažił Ewropea u għall-*burden sharing* (kondiviżjoni tal-piżijiet)?

Imressqa: 1.3.2011

Mgħoddija: 3.3.2011

L-iskadenza għat-tweġiba: 10.3.2011